**14 ta' Diċembru, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof Mifsud Bonnici, LL.D. – President**
**Onor Carmel A. Agius, B.A., LL.D.**
**Onor Noel V. Arrigo, LL.D.**

L-imħallef Dottor Joseph Herrera u b'digriet tat-3 ta' Awissu, 1994, l-atti ġew trasfużi f'isem Marguerite Herrera armla ta' l-Imħallef Joseph Herrera, u f'isem Dr. Josè Herrera, Dr. Consuelo Scerri Herrera, u Victoria Herrera stante l-mewt ta' l-attur fil-mori tal-kawża.

*versus*

Dr. Enrico sive Henry Vassallo LL.D., u Mark Borg bħala Editur u Stampatur rispettivament tal-ġurnal "Alternattiva".

**Transazzjoni ta' Kawża - Kompetenza ta' Qorti biex tieħu Konjizzjoni tal-Mertu tal-Kawża quddiemha – Nullità tas-Sentenza**

*La kien hemm transazzjoni, ma kienx hemm spazju għal sentenza speċjalment għaliex dik it-transazzjoni eskludiet sentenza billi l-kawża kellha tiġi ċeduta u kulma kellha tagħmel il-Qorti kien li tikkanċella l-kawża minn fuq il-lista tagħha.*

*Il-Qorti ma kellhiex triq oħra ħlief li tannulla l-kawżà.*

Il-Qorti:-

1. Huwa utli li tiġi reġistrata s-sentenza li fil-21 ta' Ottubru, 1992, ġiet ippronunzjata mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:-

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppresentata fit-13 ta' Novembru, 1990, li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenuti bħala editur u stampatur rispettivament tal-ġurnal "Alternattiva" fil-ħarġa tas-6 ta' Ottubru, 1990, bl-artikolu intitolat "Imħallfin fin-Negozju" fl-ewwel u fit-tieni paġna ta' l-istess ħarġa ta' l-istess ġurnal, taw malafama lill-attur billi attribwewlu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu jew li jesponuh għar-redikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; billi għalhekk il-konvenuti rrendew ruħhom ħatja ta' malafama u għalhekk il-konvenuti rrendew ruħhom tenuti li jħallsu d-danni lill-attur a tenur ta' l-art. 28 tal-Press Act XL ta' l-1974' talab li għar-raġunijiet premessi:-

1. m'għandux jiġi ddikjarat u deċiż illi l-konvenuti fil-kapaċità tagħhom fuq ċitati, taw malafama lill-attur bl-artikolu fuq imsemmi, u;

2. għaliex il-konvenuti m'għandhomx jiġu kkundannati li jħallsu lill-attur dik is-somma li tiġi minn din il-Qorti llikwidata in linea flimkien ma' l-imgħaxijiet legali;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-ista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota tal-konvenuti pprezentata fil-25 ta' Jannar,

1. Fl-ewwel lok l-eċċipjent Dr. Enrico sive Henry Vassallo jeċċepixxi illi in kwantu l-artikolu in kwistjoni jikkonsisti f' allegażżjonijiet magħmul in buona fede u bla dolo fuq ta' fatt, il-fatti huma versi fis-sustanza u fil-fatt in kwantu l-artikolu jikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni huwa *fair comment* magħmul in buona fede u bla dolo fuq fatti li huma materja ta' interess publiku;

2. Fit-tieni lok l-eċċipjent Mark Borg jeċċepixxi li huwa ma qarax l-artikolu in kwistjoni qabel il-pubblikazzjoni;

3. Illi għall bqija t-talbiet ta' l-attur huma mfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda kontra tiegħu bl-ispejjeż;

*Rat id-dikjarazzjoni u l-ista tax-xhieda tal-konvenuti;*

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti pprezentata fid-9 ta' Ġunju, 1992, li permezz tagħha eċċepew illi l-azzjoni li minnha skatturiet il-kawża odjerna llum estinta in vista tat-trasazzjoni miftiehma bejn il-partijiet a fol. 12, tal-kawża, liema transazzjoni saret abbażi tal-verbali magħmul bejn il-partijiet;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet id-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi biċ-ċitazzjoni odierna l-attur qed jallega li ġie malafamat b'artikolu li deher fil-gazzaetta "L-Alternattiva" fil-ħarġa tas-6 ta' Ottubru, 1990, billi ġew attribwiti lilu fatti dieterminati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu;

Illi l-artikolu in kwistjoni intitolat "Imħallfin fin-negozju" jittratta b'mod ġeneriku dwar id-dmir tal-ġudikant li joqgħod 'il bogħod kemm jista' jkun minn kull ħaġa li tista' tinfluwenzah fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu bħala mħallef. L-istess artikolu jpoġġi diversi interrogattivi dwar interessi finanzjarji tal-ġudikant u jagħlaq billi jagħmel referenza speċifika għall-artikolu li kellu jiġi ppubblikat f' ħarġa sussegwenti dwar il-ġrajja ta' "ċertu Joseph Borg li kien għamel kawża kontra Piju Camilleri u oħrajn u kellu jċedi l-kawża fuq pressjoni negattiva li għamillu l-Imħallef in kwistjoni, biex kellu jilħaq ftehim li tant swielu ħsara". Ġie allegat ukoll fl-istess artikolu li "Bħala radd ta' ringrazzjament xi ħadd seta' lis-Sur Imħallef, li llum wieħed mill-aspiranti għall-ogħla kariga, kien ħariġlu permessi għall-bini fuq artijiet iż-Żejtun";

Illi minn dak li ssuċċeda fil-kawża u partikolarment it-transazzjoni milħuqa bejn il-kontendenti fl-udjenza tas-6 ta' Frar, 1991, kif redatta fil-verbali ta' l-istess seduta, ma hemmx dubbju li l-fatti allegati fl-istess artikolu ċitat, kienu jirreferu speċifikament għall-attur. *U li l-istess allegazzjonijiet* kienu, fihom infushom, malafamanti u ingurjużi. B'mod partikolari meta jiġi kkunsidrat li l-persuna lejn minn kienu indirizzati għandha l-kariga ta' ġudikant u l-istess allegazzjonijiet jolqtu l-fondament *ta' l-istituzzjoni ta' liema l-attur jifforma parti u* ċjoè l-imparzjalità u indipendenza. L-aritkolu jitfa' dell fuq l-attur fil-qadi tal-kariga tiegħu u jallegalu skopijiet ulterjuri fit-tentattiv għat-transazzjoni li pprova jġib bejn il-kontendenti (fil-kawża l-oħra) b'*mod* li *offendi*elu l-unur tiegħu u esponih għad-disprezz tal-pubbliku;

Il-kwistjoni li tinsab quddiem il-Qorti llum hija oħra u cjoè jekk in forza tat-transazzjoni tas-6 ta' Frar, 1991, għad hemm skop li din il-Qorti tippronunzja ruħha fuq it-talbiet attriċi. Dan l-interrogattiv jingħata forza bl-eċċezzjoni ulterjuri ta' l-istess konvenuti tad-9 ta' Gunju, 1992;

L-attur qed jissottometti li l-konvenuti ma ottemperawx ruħhom mal-ftehim imsemmi billi:-

a. id-dikjarazzjoni magħmula mill-konvenuti in forza tal-ftehim u pubblikata fil-ħarġa ta' "L-Alternattiva" tat-2 ta' Marzu, 1991, ma ngħatax l-istess prominenza bħall-artikolu in kwistjoni peress li din ġiet stampata fil-paġna tlieta ta' l-istess gazzetta u mhux fl-ewwel paġna, bħall-artikolu inkriminanti, u;

b. l-konvenuti ma ħallsux l-ispejjeż tal-kawża kif intrabtu li jagħmlu fil-verbali fuq iċċitat;

L-attur għalhekk qiegħed jargumenta li t-transazzjoni ma seħħitx minħabba nuqqasijiet tal-konvenuti u li l-Qorti għandha tipproċedi għas-sentenza u *għall-kundanna għall-ħlas tad-danni* a termini ta' l-artikolu 28 tal-Liġi ta' l-Istampa. U dan fuq il-premmesa li l-istess transazzjoni ossia d-dikjarazzjoni tal-konvenuti tammonta għal ammissjoni ta' malafama;

Il-konvenuti qed jirribattu din is-sottomissjoni u qed jinsistu li bit-transazzjoni milħuqa bejn il-kontendenti l-azzjoni odjerna spiċċat u semai l-attur jista' biss jistitwixxi proċeduri oħra 'ad hoc' sabiex jinforza l-istess transazzjoni. Ġie sottomess ukoll li:-

a. il-Liġi ta' l-Istampa ma tpoġġi ebda obbligu fuqhom dwar fejn, fil-gazzetta, għandha ssir il-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni miftiehma;

b. li huma dejjem kienu pronti jħallsu l-ispejjeż tal-kawża;

Illi l-artikolu 1718 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta jieddefenixxi 'transazzjoni' bħala kuntratt li bih il-partijiet, b'xi ħaġa li jagħtu, jwiegħdu, jew iżommu, jagħtu tmiem għall-kawża mibdija, jew jevitaw kawża li tkun sejra ssir. Purke' l-partijiet ikunu kapaċi li jittrasferixxu l-ħwejjeġ imdaħħlin fit-transazzjoni;

Issa jidher mill-verbal a fol. 12 tal-proċess, li fl-udjenza tas-6 *ta' Frar, 1991, kien hemm preżenti l-partijiet kollha assistiti mid-*difensuri tagħhom. Fl-istess verbal jingħad speċifikatament li "il-partijiet jaqblu li jittransiġu l-kawża skond il-verbal ta' hawn taħt". Issegwi d-dikjarazzjoni li l-partijiet qablu li għandha tiġi ppubblikata fil-gazzetta "L-Alternattiva", fil-pubblikazzjoni ta' l-ewwel Sibt ta' Marzu. Jingħad ukoll li "Wara li jsir dan u jitħallsu l-ispejjeż tal-kawża mill-konvenuti, l-attur iċedi l-

*kawża.'' Il-kawża għalhekk ġiet differita 'għall-probabbli ċessjoni'* għal data oħra;

Il-mod kif ġiet redatt dan il-verbal, fil-presenza u bl-akkwijexxenza tal-kontendenti, ma jħalli ebda dubbju f'moħħ il-Qorti, li l-partijiet riedu u effettivament ittransiġew il-kawża. Minn dak il-mument 'il quddiem il-Qorti ma kinetx aktar kompetenti tieħu konjizzjoni tal-meritu tal-kawża quddiemha u kien mistenni biss li l-partijiet jagħtu effett għat-transazzjoni u l-kawża tiġi ċeduta;

Il-konvenuti ppublikaw d-dikjarazzjoni miftiehma, fis-seduta msemmija, fil-ħarġa tal-gazzetta tas-Sibt, 2 ta' Marzu, 1991, u cjoè kif kien ġie ppubblikat fl-ewwel paġna ta' l-istess gazzetta, id-dikjarazzjoni tinsab fit-tielet paġna ta' l-istess gazzetta;

Illi skond l-artikolu 1729 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, it-transazzjoni għandha, bejn il-partijiet, setgħa ta' sentenza li *għaddiet f'ġudikat. Għalhekk japplika l-artikolu 20 tal-Kap. 248* – Att dwar l-Istampa li jistabilixxi li ''is-sentenza nnifisha jew sommarju komprensiv tagħha (fil-każ in eżami huwa il-ftehim ta' transazzjoni) jiġi pubblikat jew imxandar, skond il-każ, fl-istess ilsien li fih ikun sar ir-reat, mingħajr ħlas''. L-istess Liġi ta' l-Istampa ma tikkwalifikax kif u fejn għandha ssir il-pubblikazzjoni, ħlief li għandha ssir fl-istess gazzetta jew oħra f'każ li dik tkun waqfet mill-pubblikazzjoni;

Minn dan jidher li l-Liġi ma timponi ebda obbligu fuq il-konvenut fejn għandha tiġi stampata id-dikjarazzjoni li jkunu ftehmu dwarha l-partijiet jew saħansitra s-sentenza. Il-Qorti għalhekk hi tal-fehma li l-konvenuti ottemperaw ruħhom mal-

liġi bil-pubblikazzjoni fil-karigà tat-2 ta' Marzu, 1991. Konsegwentement taw effett lill-ftehim milħuq bil-verbal fuq iċċitat;

Issa l-attur qed jilmenta li ma tħallsux l-spejjeż tal-kawża skond kif miftiehem. U għalhekk l-istess transazzjoni ma għandha ebda effett. Skond il-ftehim tal-verbal iċċitat l-attur kellu jċedi l-atti tal-kawża hekk kif issir il-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija u **jitħalsu l-ispejjeż tal-kawża** (sottolinear tal-Qorti). Ma jidhirx li ġie stabbilit terminu meta dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu. Id-difensur ta' l-attur xehed f'dan ir-rigward u qal li hu ħa ħsieb li jintaxxa l-kawża u anke bagħat il-kont lid-difensur tal-konvenuti però li sa dakinhar li xehed "kien għandu ma tħallax; Il-ħlas ma ġiex offrut u lanqas depositat";

Illi fil-fehma tal-Qorti n-nuqqas ta' ħlas ta' l-ispejjeż tal-kawża, speċjalment meta l-iskop prinċipali tat-transazzjoni u ċjoè l-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni miftiehma bejn il-partijiet tat-transazzjoni miftiehma bejn *il-partijiet saret, ma jġibx in-nullita'* tat-transazzjoni. L-attur, in forza ta' dik l-obbligazzjoni għandu *d-dritt li jaġixxi kontra l-konvenuti għar-risarċiment ta' l-ispejjeż* tal-kawża. Iżda peress li din il-Qorti ser tiddeċidi dwar l-ispejjeż ta' din l-istanza ma jkunx hemm skop li jittieħdu proċeduri oħra;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija din il-Qorti fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet prinċipali tal-konvenuti in vista ta' l-ammissjoni tagħhom, *tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri ta' l-istess konvenuti* u għalhekk ma tiħux aktar konjizzjoni tal-kawża stante t-transazzjoni bejn il-partijiet kif redatta fl-udjenza tas-6 ta' Frar. 1991, biss in vista ta' l-istess ammissjoni tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża;

L-attur appela billi senjatament issottometta illi s-sentenza fiha "*contradictio in terminis*";

Il-konvenuti, da parti tagħhom, appellaw inċidentalment u qalu illi la s-sentenza akkoljiet l-eċċezzjoni ulterjuri tagħhom " a bażi ta' liema eċċezzjoni ċaħdet it-talbiet għad-danni ta' l-attur appellant, allura ċertament l-istess appellati ma kellhomx jiġu akkollati bl-ispejjeż **kollha** tal-kawża". Għal-bqija s-sentenza għandha tiġi kkonfermata;

3. Huwa minnu li dak li ġara f'din il-kawża m'huwiex possibbli li jiġi kkonċiljat. Dan għaliex illi dak li ġie verbalizzat fis-seduta tas-6 ta' Frar, 1991 – fol. 12 tal-proċess – kien jikkostitwixxi transazzjoni, għat-termini ta' l-artikolu 1718 Kap. 16 allura, it-termini ta' dak il-kuntratt, kellhom jiġu implimenti;

4. L-artikolu 1718 Kap. 16 jgħid:-

"It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi ħaġa li jagħtu, iwegħdu, jew iżommu, jagħtu tmiem għal kawża mibdija jew jevitaw li tkun sejra ssir";

Il-konvenuti għamlu żewġ wegħdiet li tippubblika d-dikkatazzjoni li tidher fl-istess verbal fil--ħarġa tal-gazzetta l-Alternativa ta' l-ewwel Sibt ta' Marzu, u wara li jħallsu l-ispejjeż tal-kawża;

L-attur – wara li dawk il-wegħdiet jitwettqu, wiegħed li jċedi l-kawża;

5. Fis-seduta tal-11 ta' Marzu, 1991, ġie rreġistrat illi d-dikjarazzjoni kienet ġiet ppubblikata iżda l-ispejjeż ma tħallsux,

għalkemm l-avukat tal-konvenuti ddikjara illi:-

"…. dwar l-ispejjeż diġà hemm ftehim";

mentri l-avukat ta' l-attur, kien diġà ddikjara li l-ispejjeż ma tħallsux;

Il-kawża ġiet differita;

"…. sabiex l-attur jirregola ruħu għad-9 ta' April, 1991";

6. Fis-12 ta' Gunju, 1991, l-attur ma setax jattendi għall-udjenza u allura

"Il-kawża ġiet differita għall-provi ta' l-attur, għat-23 ta' Ottubru, 1991";

Fis-seduta tas-6 ta' **April, 1992** - sena u xahrejn wara 'l hekk imsejħa transazzjoni - id-difensuri ta' l-attur, wara li għamel riferenza għad-diversi dokumenti pprezentati fil-kawżi, talab

"…. *li kawża tmur għas-sentenza u wara li saret riferenza* għall-verbal tas-6 ta' Frar, 1991, fejn hija ammessa l-ħtija libelluża tal-konvenuti …. xehed Dr. Joseph Galea Debono";

Il-kawża tibqa' differita għas-sentenza għall-5 ta' Gunju, 1992";

7. Dan l-andament tal-proċedura jurì li ċertament l-ewwel Onorabbli Qorti, almenu sa din is-seduta tas-6 ta' April, 1992, ma kinetx qed tikkonsidra li dak li kien hemm verbalizzat fis-seduta tas-6 ta' Frar, 1991, kien jikkostitwixxi transazzjoni,

għaliex ma kienx hemm lok li tkompli bil-kawża inkwantu skond ma jipprovdi *l-kwotat* artikolu *1718* Kap. *16* transazzjoni **tikkonkludi l-kawża**, u żgur ma kienx il-każ, li l-kawża terġa' titħalla "għall-provi ta' l-attur";

Din l-inkongruwenza hija ddikjarata fis-sentenza stess:

"Il-mod kif ġie redatt dan il-verbal, fil-presenza u bl-akkwjexxenza tal-kontendenti, ma jħalli ebda dubju f'moħħ il-Qorti, li l-partijiet **riedu u effettivament ittransiġew il-kawża. Min dak il-mument 'il quddiem il-Qorti ma kinitx aktar kompetenti tieħu konjizzjoni tal-meritu tal-kawża quddiemha** u kien mistenni biss li l-partijiet jagħtu effett għat-transazzjoni u l-kawża tiġi ċeduta";

La kien hemm transazzjon, ma kienx hemm spazju għal sentenza speċjalment għaliex dik il-transazzjoni eskludiet sentenza billi l-kawża kellha tiġi ċeduta u kull ma kellha tagħmel il-Qorti kien li tikkanċella l-kawża minn fuq il-lista tagħha. Jekk il-Qorti dehrilha li minħabba t-transazzjoni hija ma baqgħetx kompetenti *biex tidħol fil*-meritu *tal-kawża*, *allura* ma kienx konsentit li l-istess Qorti "tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti m'għandhiex triq oħra ħlief li tannula s-sentenza u tibgħat lura l-atti tal-kawża quddiem l-ewwel Onorabli Qorti għall-konsiderazzjoni ulterjuri tagħha fuq dak li rriżulta li hija l-posizzjoni ġuridika wara l-verbal tas-6 ta' Frar, 1991 - spejjeż bla taxxa bejn il-partijiet.